28 ta' Jannar, 1956.

**Imħallef:**
**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

John Cutajar *versus* Amelia Cutajar et.

## Separazzjoni Personali — Kura tat-Tfal — Emigrazzjoni

*Apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti "in subjecta materia", li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet li jinsorġu dwar il-kura tat-tfal, huwa dak tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess tfal minuri fl-isfond taċ-ċirkustanzi personali u "de facto" li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut.*

*Il-parti umanitarja għandha ċertament l-importanza tagħha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-ħajja lill-istess minuri; eppure l-istess ma għandhiex tipprevali fuq l-interess u vantaġġ dirett tal-istess tfal.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, fejn si trattava ta' raġel u mara miżżewġin u mifrudin legalment, u fejn it-tifla minuri tagħhom kienet ġiet bis-sentenza mogħtija fil-kawża tas-separazzjoni affidata lill-omm, dina, li riedet temigra għall-Awstralja, ġiet awtorizzata tieħu magħha f'dak il-pajjiż lil dik it-tifla minuri kontra l-oppożizzjoni tar-raġel, avvolja b'hekk dan kien ser jiġi privat milli jkun jista' jara lil bintu; billi l-Qorti rriteniet li fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-interess u l-vantaġġ tat-tifla mill-punto di vista tal-edukazzjoni tagħha f'sens lat u minn dak tal-utilità u l-akbar vantaġġ tal-istess tifla, ma kienx suġġeribbli mutament fil-provvediment mogħti dwar il-kura ta' dik it-tifla fis-sentenza tas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-prov-

vedimenti opportuni, peress illi l-attur jinsab separat mill-konvenuta Amelia Cutajar in forza ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża "Amelia Cutajar vs. John Cutajar", deċiża fit-30 ta' Novembru 1950; u peress illi in forza tal-imsemmija sentenza t-tifla komuni Gioconda Cutajar ġiet affidata għall-kura tal-konvenuta; u peress li l-konvenuta bi ħsiebha temigra għall-Awstralja u tieħu magħha l-imsemmija tifla komuni Gioconda Cutajar; u peress illi l-attur, għall-interess morali u għall-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, kif ukoll għat-trobbija tat-tifla, mhux tal-parir li din tmur ġo pajjiż li mhux purament kattoliku, u kif ukoll, bħala missier it-tifla tiegħu, mhix ħaġa umanitarja li jiġi privat milli jkun jista' jara l-istess tifla minuri tiegħu Gioconda Cutajar; u peress illi b'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Sekond'Awla, fuq rikors tal-attur, fit-22 ta' Diċembru 1955 (digriet nru. 1927/1955), dik l-istess Qorti, in vista tal-provvediment mogħti fuq rikors ta' mart l-attur, fl-interess tal-minuri, ċaħdet l-istess talba tal-attur li t-tifla komuni tiġi kollokata fl-Istitut ta' Cini jew f'istitut ieħor; u peress illi b'digriet ieħor mogħti mill-Qorti Ċivili Sekond' Awla fuq talba tal-konvenuta, fit-22 ta' Diċembru 1955 (digriet nru. 1820/1955), dik l-istess Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta, fis-sens li ġiet awtorizzata tieħu magħha l-Awstralja, fejn tixtieq temigra flimkien mal-ġenituri tagħha, it-tifla minuri Gioconda Cutajar, u l-Uffiċjal inkarikat mill-Passaporti ġie awtorizzat jirrilaxxja għal dan l-effett id-dokumenti neċessarji; prevja d-dikjarazzjoni li mhux fl-interess tat-tifla minuri, għar-raġunijiet fuq indikati, li tibqa' fdata lill-omm, meta dina sejra temigra, u li invece huwa ta' nteress tat-tifla li tibqa' hawn Malta, jew taħt il-kura ta' missierha, jew f'istitut, skond kif tordna din il-Qorti, sakemm din issir maġġjorenni; talab li jiġu revokati minn dina l-Qorti d-digrieti fuq imsemmija nru. 1907/1955 u 1820/1955, tat-22 ta' Diċembru 1955, mogħtija mill-Qorti Ċivili Sekond'Awla; u li jiġi minflok deċiż li t-tifla minuri Gioconda Cutajar tibqa' hawn Malta, affidata jew taħt il-kura ta' missierha, l-attur, jew kollokata f'istitut, skond kif

tordna s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti; u li konsegwentement ma għandux jiġi rilaxxjat passaport lill-minuri Gioconda Cutajar. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili Sekond'Awla;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi u mid-dokumenti li għalihom saret riferenza jirriżulta li dina l-Qorti, fit-30 ta' Novembru 1950, fuq talba tal-konvenuta Amelia Cutajar, iddikjarat il-firda personali *bejnha u bejn żewġha, l-attur odjern, għar-raġu*nijiet hemm indikati u mħabba kolpi reċiproċi tal-kontendenti, però f'miżura akbar mill-parti tal-attur tal-lum, konvenut f'dik l-istess kawża, milli fl-imsemmija Amelia Cutajar; u wara li kkundannat biss lil John Cutajar jagħti retta alimentarja lill-martu u bintu, affidat il-kura tat-tifla komuni, ta' età minuri, li jisimha Gioconda Cutajar, *lill*-istess ommha; bil-fakoltà li missierha jkun jista' jaraha skond kif hemm dispost f'dik l-istess sentenza. Milli jidher, Amelia Cutajar marret tgħix bit-tifla mal-ġenituri tagħha, li kienu qegħedin jgħinuha, peress li r-retta alimentarja fissata ma kienetx qegħedha sserviha. Fit-22 ta' Diċembru 1955, dina l-Qorti fil-*Gurisdizzjoni Volontarja Tagħha*, fuq talba tal-istess Amelia Cutajar, laqgħet it-talba tagħha sabiex tkun awtorizzta tieħu magħha l-Awstralja lill-bintha, fejn kienet bi ħsiebha temigra flimkien mal-ġenituri tagħha (ara digriet ta' dik il-Qorti nru. 1820/1955); u fl-istess jum u sena dik l-istess Qorti, in vista tal-provvediment mogħti bid-digriet preċedenti, ċaħdet *ir-rikors tal-attur, fejn fiħ kien* talab li t-tifla minuri komuni tiġi inveċi kollokata fl-Istitut ta' Ċini jew f'istitut ieħor (ara digriet numru 1907/1955). In konsegwenza ta' dawn il-fattijiet relatati twieldet il-kawża odjerna;

Ikkunsidrat;

Illi l-motivi li fuqhom hija bażata t-talba tar-revoka taż-żewġ digrieti fuq imsemmija, sabiex it-tifla msemmija tiġi mneħħija minn taħt il-kura u kustodja ta' ommha, li sejra

temigra, u minflok tiġi fdata jew lill-instanti jew lil xi istitut lokali, kif jogħġobha tordna din il-Qorti, sakemm tirraġġunġi l-maġġjor età, huma tnejn, u ċjoè (1) li fil-fehma tal-instanti mhux suġġeribbli, għall-istess interess morali u għall-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, li l-istess titlaq minn dawn il-Gżejjer sabiex tmur f'pajjiż li mhux purament kattoliku, u (2) li mhix ħaġa umanitarja li l-instanti, missierha, jiġi privat milli jkun jista' jara lill-istess bintu, jekk jiġi mantenut id-digriet awtorizzanti lill-ommha teħodha magħha l-Awstralja; liema żewġ motivi huma riassunti fil-ħames premessa tal-att taċ-ċitazzjoni u nkorporati fl-istess dikjarazzjoni mitluba;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti "in subjecta materia", li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkustanzi personali u "de facto" li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut;

Fil-kamp li fuqu qegħedin nitkelmu, għalkemm il-parti umanitarja għandha ċertament l-importanza tagħha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-ħajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma għandhiex tipprevali fuq l-interess u vantaġġ dirett tal-istess tfal; bħal ma għandhiex ikollha fil-ħajja ta' kulljum — kif l-esperjenza tgħallem — prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raġuni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bħala membru tal-familja, kemm bħala membru tal-kommunità li lilha jkun jappartjeni. Meta l-għajn tar-raġuni, f'xelta tal-azzjoni li bniedem ikun irid ta' bilfors jagħżel li jagħmel, turi dover, impellenti versu ċerta linea ta' kondotta, għalkemm dik l-għażla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-ħruxija ma tkunx ħlief apparentement tali; in kwantokkè fil-bilanċii tal-moħħ id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibax-

xieħ, ikun għaleb kwalunkwe konsiderazzjoni oħra li di fronti għalieħ (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituża;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-każ in diżamina, jingħad li di fronti għat-tifla in kwistjoni l-kontendenti jinsabu fuq livell ugwali għal dak li jirrigwarda parentela u drittijiet tal-persuna li bihom huma rivestiti; b'dana però, li fil-kawża tal-firda l-affidament tat-tifla in kwistjoni ġie mogħti minn dina l-Qorti, skond is-savju ġudizzju tagħha, lill-omm. Dina l-istess tifla, kwindi, almenu mill-annu 1950, għexet permanentement dejjem ma' ommha, u fl-ambjent u atmosfera fejn l-istess ommha, wara l-kawża ta' separazzjoni personali, ipprexeljiet, bla ma jidher li kien hemm kontestazzjoni jew oppożizzjoni mill-instanti. Minn dan jitnissel li, in kwantu għal dak li hija edukazzjoni fis-sens lat tal-kelma, li tikkomprendi tant dik morali kemm ukoll dik reliġjuża, nonkè ukoll soċjali, sa ma qamet il-kwistjoni odjerna l-instanti ma sab xi jgħid xejn dwar il-prossimità intima tal-konvenuta ma bintha, kif ukoll man-nies tal-familja ta' l-istess omm. Il-fatt li l-Awstralja, fejn trid tieħu magħha l-bintha l-konvenuta, huwa pajjiż mhux purament kattoliku, ma huwiex fid-dawl tal-ħsieb taż-żmienijiet moderni, raġuni biżżejjed valida biex tissepara lit-tifla minn ommha u mill-atmosfera fejn għexet wara l-firda personali; l-għaliex fi kwalunkwe pajjiż, jekk ma jkunx pajjiż prettament kommunista jew ateu, jinsabu nies ta' ħafna denominazzjonijiet reliġjużi, u kullħadd jipprattika dik ir-reliġjon li jidhirlu l-aħjar għalieħ; u kif ommha telletgħha fir-reliġjon kattolika appostolika rumana hawn f'dawn il-Gżejjer, ma jidherx mill-provi li hemm xi indizju ta' provi li hija mhix sejra tkompli tagħtiha dik l-edukazzjoni reliġjuża u morali, jew l-istess konvenuta sejra hija personalment taqleb għal xi denominazzjoni reliġjuża oħra;

Illi kwindi, għal dak li jirrigwarda l-interess tat-tifla mil-punto di vista tal-edukazzjoni tagħha fis-sens lat tal-kelma, ma jidherx li dan jissuġġerixxi ebda mutament fil-kustodja jew kura tat-tifla msemmija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-edukazzjoni proprja, jew skolastika, jingħad li anki fl-Awstralja hemm skejjel diretti minn kommunitajiet reliġjużi kattoliċi għal kwalunkwe ċetu ta' nies. Huwa notorju li ħafna tfal ġew mibgħuta f'dak il-pajjiż sabiex jiġu edukati u ħalli jakklimatizzaw ruħhom minn ċkunithom f'ambjent kbir, ladarba ċ-ċkunija ta' dawn il-Gżejjer sfortunatament ma tistax tagħtihom dawk l-okkażjonijiet ta' xogħol u żvilupp li ambjenti akbar jistgħu jagħtuhom; u kwindi anki l-vantaġġ u nteress tat-tifla jkun moqdi aktar jekk hija tibqa' ma' ommha li sejra tmur hemm;

Illi kwalunkwe tentattiv li sar mill-attur biex itabbgħa l-karattru morali tal-konvenuta huwa bl-abbundanza newtralizzat minn xhieda oħra; bħal ma huma l-kappillan tal-post u qassisin oħra. Jingħad ukoll illi l-attur ammetta illi huwa jkun il-ġurnata kollha barra għax-xogħol; u missieru u zitu; li joqgħodu miegħu, huma nies kbar fl-età; barra minn dan; iz-zija tal-attur fi żmien imgħoddi kienet rikoverata fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, dak li jirrendi mhux suġġeribbli li tħalli fidejha tifla ta' sitt snin u nofs;

Illi, ladarba l-akbar utilità u l-akbar vantaġġ tat-tifla, mill-punti di vista msemmija, juri li d-digrieti tal-Qorti, li ġew attakkati, għandhom ikunu mantenuti, donnu jidher li kwalunkwe riflessjoni oħra li tista' ssir hija ozjuża; imma dina l-Qorti, però, tħoss li b'dana kollu għandha tagħmel riflessjoni oħra; anki jekk forsi mhix assolutament neċessarja għar-regolament tal-kawża mill-punto di vista legali; imma li hija, fil-ħsieb tagħha, meħtieġa u imperattivament neċessarja għal dak li jirrigwarda l-ġustizzja sostanzjali tal-istess kawża. Infatti, l-attur qiegħed jilmenta illi, jekk id-digrieti tal-Qorti attakkati jkunu mantenuti, huwa ma jkunx jista' jara lill-bintu aktar, jew almenu jiġi privat minnha. Dana l-fatt; minnu mlġjub il-quddiem, huwa inkontrastabbli, u ma jistax jiġi negat li dina l-Qorti tħoss vivament li huwa ħaġa ta' tweġġieħ il-qalb kbir għal missier li jinstab f'dina l-kondizzjoni ta' fatt; imma mill-banda l-oħra, jekk id-digrieti msemmija jiġu revokati, sofferenza f'miżura akbar tkun viżitata fuq il-konvenuta, li hija omm it-tifla, li żammitha

dejjem magħha, li għexet magħha weħedha bħala ġenitriċi dawn l-aħħar ħames snin, li kkoltivatha u li batiet biha, u li ratha bil-minuti tiżviluppa u tikber. Jingħad li, anki jekk ma rridux nikkonċedu li l-miżura ta' sofferenza tal-omm tkun akbar b'deċiżjoni avversa milli l-grad ta' sofferenza tal-missier fl-istess ipotesi, nikkonċedu almenu li ż-żewġ kontendenti, skond id-diversi ipotesijiet, sejrin it-tnejn isofru ugwalment. F'dina l-kontinġenza huwa ta' min jikkunsidra illi, fl-ipotesi li l-konvenuta jkollha deċiżjoni favorevoli, it-tifla tibqa' magħha u tibqa' titrabba fl-istess atmosfera li għexet fiha dawn l-aħħar ħames snin, mentri fl-ipotesi kuntrarja l-istess tifla jkollha ssofri mutament u kambjament repentin, u jekk l-attur ma jkunx, mħabba x-xogħol tiegħu, jista' jżommha, l-istess Gioconda Cutajar ikollha tiġi, kif ġ e suġġerit, kollokata f'xi istitut, b'mod li b'hekk tiġi ssofri mhux biss il-privazzjoni ta' ommha, imma anki dik ta' missierha, u tikber forsi bil-piena u diżillużjoni li ħafna drabi tfal minuri fl-istess kondizzjoni jħossu li trabbew bla dar ("without a home") imħabba l-inkomprensjoni tal-ġenituri tagħhom. Barra minn dan, tiġi aġġunta mal-ġenituri persuna oħra sofferenti, li tkun assolutament innoċenti, qabel żmienha, bi ħtija ta' ċirkustanzi li jkunu dovuti għal dawk l-istess persuni li n-natura trid li jħobbuha anki b'sakrifiċċju ta' ħajjithom;

Illi sa ċertu pont huwa wkoll interess tat-tifla li ma tkunx privata mill-affezzjoni taż-żewġ ġenituri tagħha, la darba għandha tkun, mħabba ċ-ċirkustanzi, privata minn dik ta' wieħed jew waħda minnhom, li hija ma ssofrix tweġġieħ ta' qalb qabel żmienha;

Illi kwalunkwe domanda oħra subordinata hija dipendenti mid-deċiżjoni tal-kwistjoni prinċipali; u dina l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol;

Illi minn dan li ntqal fuq dina l-Qorti hija tal-fehma soda li, tant fl-interess kemm fil-vantaġġ tat-tifla in kwistjoni, kif ukoll għar-raġunijiet fuq esposti, id-digrieti attakkati għandhom ikunu mantenuti;

**Għalhekk;**

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba prinċipali u dik konsegwenzjali;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-attur.

---